**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Kump.494/95</u>***

*Pulizija*
*Sp. (illum Kummissarju) John Rizzo u Sp.David Saliba*
*v*
*Josef Bartolo et*

Illum 29 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi permezz ta' digriet mghoti minn din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru 2000, saret separazzjoni tal-gudizzju u fit-12 ta' Marzu 2001 il-kaz kontra l-ko imputat Tonio Grima gie deciz. Ghalhekk dan il-gudizzju jikkoncerna biss lill imputat Josef Bartolo.

***<u>Akkuzi</u>***

Illi l-akkuzi dedotti kontra dan l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' **Serq kwalifikat** bil-vjolenza, mezz u valur; **Sekwestru** tal-persuna; **Ricettazzjoni**, **Serq kontinwat kwalifikat** bil-mezz, valur, hin u lok; **Hsara volontarja**; Ksur tad-disposizjjonijiet tal-Ordinanza dwar l-**Armi.**

Illi l-Qorti ezaminat il-provi akkwisiti u hija tal-fehma li l-akkuzi dedotti kontra dan l-imputat jinsabu sodisfacentement provati hlief ghar-reat ta' Ricettazzjoni li ma jissussistix.

Huwa opportun li jinghad li l-imputat rrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn ammetta din l-attivita' kriminali u wera kooperazzjoni mal-pulizija u bis-sahha tieghu parti relevanti tar-refurtiva giet irkuprata.

Illi in propositu ghal piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-gravita' tar-reati kommessi, kif ukoll il-fatt li parti mir-refurtiva ma gietx irkuprata. Ghaldaqstant piena karcerarja hija indikata f' dan il-kaz.

Mill-banda l-ohra pero' jezistu fatturi li kumuluttivament jirrendu xierqa s-sospensjoni tal-piena fil-konfront tal-imputat odjern – b' mod li dana jibqa' that sorveljanza ta' persuna kwalifikata ghal certu perijodu ta' zmien. Dawn huma:

**1.** Il-**fedina penali** relattivament nadifa tal-imputat fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati. L-uniku reat li tieghu kien instab hati u relatat mal-abbuz tad-droga u jirrizali ghall-istess perijodu li fih gew kommessi r-reati in disamina**.**

Illi mill-pre sentencing report mghamul mill-ufficjal tal-probation jidher bic-car li l-imputat ghandu il-problema tad- dependenza fuq id-droga. Dan jnsab konfortat mill-fatt li mill-fedina penali tieghu, jidher li l-imputat kien gie misjub hati f' zewg okkazzjonijiet precedenti ta' Pussess Illegali (semplici) tad-droga eroina u tpogga that is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Mary Grace Vella li minn naha taghha rrapportat li l-imputat, minn dak iz-zmien l' hawn, huwa re integrat fis-socjeta'. Di fatti sab impieg regolari bhala barman go kafetterija. Jidher ukoll li l-imputat Josef Bartolo jikkoopera hafna mal-imsemmija ufficjal tal-probation.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, l-imputat ikkoopera hafna mal-pulizija u stqarr fid-dettal l-attivita' kriminuza tieghu.

Illi fir-rapport taghha l-ufficjal tal-probation li hejjiet il-pre sentencing report rrakkomandat tali misura.

Illi in vista tal-premess il-Qorti thoss li huwa ekwu li dan l-imputat – li fiz-zmien il-kommissjoni tar-reat kellu il-sena - jinghata ic-cans **ikompli** fit-triq tar-riforma li jirrizulta **bil-provi** li huwa qabad. Il-qorti ghalhekk ser tapplika l-art.21 tal-Kap.9.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi, hlief ghal-dik bazata fuq ir-reat ta' ricettazzjoni, u wara li rat l-art.17, 18, 86, 261(a.b.c.f.e), 262, 263, 275, 277. 325 u 334 Kap.9 u l-Art.2, 3, 19 Kap.66, tikkundannah ghal piena ta' ***prigunerija ghal zmien sentejn***– mill-liema periodu **m'ghandux jitnaqqas** iz-zmien li l-imputat kien mizmum that arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz - liema piena ghandha tkun ***sospiza ghall-tlett snin*** a tenur tal-art.28A Kap.9

Inoltre tpoggi lill-istess imputat that **is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation** Mary Grace Vella, ghat-tul kollu tal-perijodu operattiv cioe' **tlett snin**, liema probation officer ghandha kull sitt xhur tghamel rapport bil-miktub lill din il-Qorti dwar l-andament tal-imputat.

Tordna li din l-ordni tigi komunikata lill-imsemmija ufficjal tal-probation a tenur tal-art.28G (4).

Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

***Dr. Noel Cuschieri***
***Magistrat***